**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 244/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Bezzina**

Illum, 28 ta' Ottubru 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Joseph Bezzina, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 64066(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-28/11/2021 għal ħabta ta' 22:08hrs fi Pjazza Santa Liena Birkirkara waqt li kien qed jagħmel użu minn vettura LCG953:

1. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'nuqqas ta' kont. Kap.65 Artiklu 15(1)(a)(2)
2. Waqt li kien qed isuq, naqas li jkollu kontroll sħiħ tal-vettura L.S.65.11 artiklu 68.
3. Saq jew ipprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku ieħor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi. Kap.65 artiklu 15A(1).
4. Saq jew ipprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur oħra fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina kien iżjed mil-limitu preksritt. Kap.65 artiklu 15B(1).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-03 ta' Mejju 2022, fejn il-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu (Kap.65 art.15(1)(a), L.S.65.11 Art.68, Kap.65 art.15A(1), Kap.65 Art 15B(1)) fuq ammissjoni tiegħu stess. Bl-applikazzjoni ta' konkors ta' reati u pieni, ikkundannatu jħallas multa komplessiva ta' hames mitt ewro (€500) pagabbli fuq medda ta' 10 xhur pagamenti mensili. Inoltre imponiet il-piena minima addizjonali ta' skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan u ċioe' il-piena ta' 6 xhur milli jkollu je wjikseb liċenzja tas-sewqan u imponiet il-punti minimi imposti fil-liġi u ċioe' 3 punti penali.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Ġenerali, ippreżentat fil-31 ta' Mejju 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma l-ħtija fuq kull imputazzjoni dedotta kontra l-appellat, tgħaddi biex tħassar u tirrevoka is-sentenza appellata in kwantu l-piena nflitta, u minflok tinfliġġi piena skont il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan huwa appell imressaq mill-Avukat Ġenerali limitatament għal dak li jirrigwarda l-piena inflitta fuq l-appellat u dan wara ammissjoni inkondizzjonata reġistrata minnu quddiem l-Ewwel Qorti għall-akkużi miġjuba kontrieh, bl-aggravvju illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kenitx fix-xorta jew kwantita' tagħha dik ikkontemplata fil-ligi.

Jikkontendi l-appellant Avukat Ġenerali illi mid-diċitura ta'l-artikolu 15H(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta l-piena kontemplata għal ksur ravviżat fl-artikoli 15A u 15B, hija dik tal-multa ta' mhux inqas minn elf u tmien mitt ewro (€1800). Illi ġaldarba l-appellat ammetta għall-imputazzjonijiet kollha lilu addebitati huwa kellu jiġi kkundannat għal dik il-piena kkontemplata fil-liġi.

Illi l-Qorti tistqarr minnufih illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun fl-ilment minnu ventilat. L-artikolu 15H tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi testwalment illi:

> **(1) Kull persuna li tikser xi dispożizzjonijiet tal-artikoli 15A u 15B tkun ħatja ta' reat u meta tinsab ħatja ta' reat bħal dak jew ta' reat taħt l-artikolu 15E(4) teħel -**
>
> **(a) fil-każ tal-ewwel kundanna, multa ta' mhux anqas minn elf u tmien mitt euro (€1,800) jew priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien;**
>
> **(b) fil-każ tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna oħra warajha multa ta' mhux anqas minn tlett elef euro (€3,000) jew priġunerija għal mhux iżjed minn sena jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.**
>
> **(2) B'żieda mal-pieni taħt is-subartikolu (1), il-qorti għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenza tas-sewqan fil-każ tal-ewwel kundanna għal żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur, u fil-każ tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna oħra warajha għal żmien ta' mhux anqas minn sena:**

Dan ifisser illi tenut kont ta'l-ammissjoni nkondizzjonata reġistrata mill-appellat għall-imputazzjonijiet lilu addebitati li jikkontemplaw fost oħrajn ir-reati imfassla fl-artikolu 15A u 15B tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kellha tgħaddi biex tikkundannah għal piena mfassla fl-artikolu 15H tal-l-istess Liġi, biex b'hekk il-multa ta' €500 erogata mill-Ewwel Qorti mhijiex fil-kwantita' tagħha dik maħsuba fil-liġi. Billi hemm assorbiment tal-piena għall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet f'dawk l-iktar gravi allura il-piena li kellha tiġi erogata kellha tkun dik tal-multa ta' mhux anqas minn elf u tmien mitt euro (€1,800) jew priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien. Dan ifisser illi l-aggravju imqanqal mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost, tgħaddi biex tirriforma s-sentenza appellata. Tikkonfermaha fejn l-appellat kien misjub ħati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati u fejn kien skwalifikat milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt xhur bi tlett punti penali, iżda tirrevoka il-multa inflitta ta' €500 u minflok tikkundanna lill-appellat għal ħlas ta' multa ta' elf u tmien mitt ewro (€1800).

It-terminu għall-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għandu jibda jiddekorri mil-lum.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur